

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni 16/2019 dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Belġjana fir-rigward tar-Regoli Korporattivi Vinkolanti ta' ExxonMobil Corporation

Adottata fit-12 ta' Novembru 2019

Werrej

| | | |
|---|--|---|
| 1 | SOMMARJU TAL-FATTI | 4 |
| 2 | VALUTAZZJONI | 5 |
| 3 | KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDEZZJONIJIET | 5 |
| 4 | RIMARKI FINALI | 5 |

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64 (1)(f) u l-Artikolu 47 tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 154/2018 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018, kif emendati l-aħħar fl-10 ta' Settembru 2019,

Billi:

(1) Ir-rwol prinċipali tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem l-EDPB) huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. Għal dan il-għan, isegwi mill-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR li l-EDPB għandu joħroġ opinjoni f'każijiet meta awtorità superviżorja jkollha l-għan li tapprova regoli korporattivi vinkolanti (BCRs) fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 47 tal-GDPR.

(2) L-EDPB jilqa' u jirrikonoxxi l-isforzi li l-kumpaniji jagħmlu biex jirrispettaw l-istandards tal-GDPR f'ambjent globali. Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza skont id-Direttiva 95/46/KE, l-EDPB jafferma r-rwol importanti tal-BCRs li jpoġġu f'qafas trasferimenti internazzjonali u l-impenn tiegħu li jappoġġa lill-kumpaniji biex jistabbilixxu l-BCRs tagħhom. Din l-opinjoni hija mmirata lejn dan l-oġġettiv u tqis li l-GDPR saħħaħ il-livell ta' protezzjoni, kif rifless fir-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-GDPR u, barra minn hekk, ta lill-EDPB il-kompitu li joħroġ opinjoni dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-awtorità superviżorja (Ewlenija tal-BCR) kompetenti li għandu l-għan li japprova l-BCRs. Dan il-kompitu tal-EDPB għandu l-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, inkluż mill-awtoritajiet superviżorji, il-kontrolluri u l-proċessuri.

(3) B'konformità mal-Artikolu 46(1) tal-GDPR, fin-nuqqas ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 45(3), kontrollur jew proċessur jista' jittrasferixxi *data* personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss jekk il-kontrollur jew il-proċessur ikun ipprovda salvagwardji xierqa, u b'kundizzjoni li jkunu disponibbli drittijiet infurzabbli tas-suġġett tad-*data* u rimedji legali effettivi għas-suġġetti tad-*data*. Grupp ta' impriżi jew grupp ta' intrapriżi involuti f'attività ekonomika konġunta jistgħu jipprovdu tali salvagwardji bl-użu ta' BCRs legalment vinkolanti, li espressament jagħtu drittijiet infurzabbli lis-suġġetti tad-*data* u jissodisfaw serje ta' rekwiżiti (l-Artikolu 46 tal-GDPR). Ir-rekwiżiti speċifiċi elenkati fil-GDPR huma l-punti minimi li l-BCRs se jispeċifikaw (l-Artikolu 47(2) tal-GDPR). Il-BCRs huma soġġetti għal approvazzjoni mill-awtorità superviżorja kompetenti ("SA kompetenti"), f'konformità mal-mekkaniżmu ta' konsistenza stipulat fl-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR, dment li l-BCRs

jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 47 tal-GDPR, flimkien mar-rekwiżiti stipulati fid-dokumenti ta' ħidma rilevanti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29¹, approvati mill-EDPB.

(4) Il-WP256 rev.01 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29,² kif approvat mill-EDPB, jipprevedi l-elementi meħtieġa għall-BCRs għall-kontrolluri, inkluż il-Ftehim Intra-Kumpanija fejn applikabbli, u l-formola tal-applikazzjoni. Il-WP264 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, kif approvat mill-EDPB, jipprevedi r-rakkomandazzjonijiet għall-applikanti biex jgħinjom juru kif jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-GDPR u l-WP256 rev01. Barra minn hekk, il-WP264 jinforma lill-applikanti li kwalunkwe dokumentazzjoni li titressaq tkun soġġetta għal aċċess għal talbiet ta' dokumenti f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tal-awtoritajiet supervizzorji. L-EDPB huwa soġġett għar-Regolament 1049/2001 skont l-Artikolu 76(2) tal-GDPR.

(5) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-BCRs previsti mill-Artikolu 47(1) u (2), kull applikazzjoni għandha tiġi indirizzata individwalment u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe Regola Korporattiva Vinkolanti oħra. L-EDPB ifakkar li l-BCRs għandhom jiġu adattati biex iqisu l-istruttura tal-grupp ta' kumpaniji li japplikaw għalihom, l-ipproċessar li jwettqu u l-politiki u l-proċeduri li għandhom fis-seħħ biex jiproteġu *data* personali.³

(6) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata, skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fi żmien tmien ġimgħat wara li l-President ikun ddeċieda li l-fajl huwa komplut. Mad-deċiżjoni tal-President tal-EDPB, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra, skont il-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. F'konformità mal-proċedura ta' kooperazzjoni kif stipulata fil-WP263 rev.01, l-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation ġie rieżaminat mill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* Belġjana (minn hawn 'il quddiem l-Awtorità Supervizzorja Belġjana) bħala l-Awtorità Supervizzorja Ewlenija tal-BCRs.
2. L-Awtorità Supervizzorja Belġjana ressqet l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha dwar l-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation, u talbet l-opinjoni tal-EDPB skont l-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR fil-15/10/2019. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittiegħdet fis-16/10/2019.

¹ Il-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi dwar l-ipproċessar ta' *Data* Personali mwaqqaf permezz tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE.

² Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, id-Dokument ta' Ħidma li jstabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li jinsabu fir-Regoli Korporattivi Vinkolanti, kif l-aħħar riveduti u adottati fis-6 ta' Frar 2018, il-WP 256 rev.01.

³ Din il-fehma kienet espressa mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fid-Dokument ta' Ħidma dwar l-Istabbiliment ta' qafas għall-istruttura ta' Regoli Korporattivi Vinkolanti (Working Document Setting up a framework for the structure of Binding Corporate Rules), adottat fl-24 ta' Ġunju 2008, il-WP154.

2 VALUTAZZJONI

3. L-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation japplika għall-ipproċessar, fi ħdan il-grupp, ta' *data* personali li hija rregolata mill-GDPR jew li kienet irregolata mill-GDPR qabel it-trasferiment lil membru tal-grupp barra miż-ŻEE. L-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation ikopri t-trasferiment tad-*data* personali msemmija hawn fuq lil kwalunkwe membru tal-grupp globalment kif ukoll l-ipproċessar sussegwenti tagħha mill-membri tal-grupp. L-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation huwa integrat fi ħdan politika globali u ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data* li tapplika għall-ipproċessar ta' kwalunkwe *data* personali fi ħdan il-grupp irrelevanti mill-orijini. Is-suġġetti tad-*data* kkonċernati jinkludu l-impjegati attwali u dawk tal-passat, l-applikanti għal impjegi, il-kuntratturi, ir-rappreżentanti tal-klijenti u sħab kummerċjali oħra, u l-konsumaturi.
4. L-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation ġie skrutinizzat skont il-proċeduri stabbiliti mill-EDPB. L-Awtoritajiet Superviżorji miġbura fl-EDPB ikkonkludew li l-abbozz ta' BCRs tal-Kontrollur ta' ExxonMobil Corporation fih l-elementi kollha meħtieġa skont l-Artikolu 47 tal-GDPR u l-WP256 rev01, f'konformità mal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Belġjana mressaq quddiem l-EDPB għal opinjoni. Għaldaqstant, l-EDPB ma għandu l-ebda tħassib li jeħtieġ jiġi indirizzat.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

5. Filwaqt li jqis dan t'hawn fuq u l-impenji li l-membri tal-grupp se jimpenjaw ruħhom li jieħdu billi jiffirmaw l-Ftehim Intra-Kumpanija ta' ExxonMobil Corporation dwar ir-Regoli Korporattivi Vinkolanti, l-EDPB iqis li l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Belġjana jista' jiġi adottat kif inhu, peress li dawk ir-Regoli jiżguraw salvagwardji xierqa biex jiżguraw li l-livell tal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi iggarantit permezz ta' dan ir-Regolament ma jiddgħajjifx meta *data* personali tiġi trasferita għand u pproċessata mill-membri tal-grupp ibbażati f'pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, l-EDPB ifakkar ukoll id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 47(2)(k) tal-GDPR u l-WP 256 rev.01 li jipprovdu l-kundizzjonijiet li taħthom l-applikant jista' jimmodifika jew jaġġorna l-BCRs, inkluż l-aġġornamenti fil-lista tal-membri tal-grupp tal-BCRs.

4 RIMARKI FINALI

6. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Awtorità Superviżorja Belġjana u se ssir pubblika skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.
7. F'konformità mal-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-Awtorità Superviżorja Belġjana għandha tikkomunika t-tweġiba tagħha għal din l-opinjoni lill-President fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi l-opinjoni.
8. F'konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR, l-Awtorità Superviżorja Belġjana għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-EDPB għall-inklużjoni fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)